# *Il-Knisja tal-Madonna tad-Duluri*

Fil-gzejjer taghna l-qima lejn id-Duluri ta' Marija Santissima hija kbira hafna. L-aqwa xhieda ta' din id-devozzjoni tidher fil-jiem tal-Gimgha Mqaddsa. Kwazi f'kull knisja f'pajjizna nsibu kwadru jew statwa tad-Duluri; izda issa ser nghidu dwar l-ewwel knisja tad-Duluri li nbniet f'Malta - il-knisja tad-Duluri tal-Pietà.

Kienet din il-Knisja li tat l-isem lil dawn l-inhawi. Forsi wiehed ma jindunax b'din il-knisja u wisq inqas jaf kemm din il-knisja hija storika.

Fl-1592 f'Malta faqqghet il-pesta u qatlet hafna nies. Biex din il-marda ma tkomplix tinfirex, l-awtoritajiet waqqfu d-dfin fil-knejjes. Il-Belt ukoll giet milquta b'dan il-gwaj u ghalhekk barra s-swar u t-truncieri inbena cimiteru u inbniet kappella dedikata lil Santu Rokku l-qaddis tal-pesta. L-inhawi kienu maghrufa bhala 'Dahlet il-Qasba'.

Fi zmien qasir dan ic-cimiteru sar post ta' qima u hdejn dan ic-cimiteru l-Patrijiet Agostinjani waqqfu kunvent li ghadu wieqaf sa llum. Hu kunvent qadim u sabih. Xhieda ta' dan huwa s-saqaf tal-kuridur, mad-dawra tal-kjostru. L-ghamla tas-saqaf turi li dan il-kunvent huwa wiehed mill-ewlenin kunventi li inbnew f'Malta. F'dan il-kunvent ghal xi zmien ghex il-maghruf Patri Zenghi li kien religjuz gharef u li kien miet mewta qaddisa.

Il-patrijiet Agostinjani hadmu hafna f'dawn l-inhawi u ghalhekk il-knisja saret centru ta' qima lejn id-Duluri ta' Marija Santissima u bdiet tigi maghrufa bhala 'Santa Maria a Mare'. Fl-1652 il-patrijiet Agostinjani kellhom ihallu dan il-kunvent u fl-1714 l-Isqof Cannaves ta din il-knisja bhala benefizzju. Fl-1721 l-Isqof Gori Mancini, wara talba tan-nies ta' l-inhawi, ghamel din il-knisja bhala vici parrocca ghan-nies ta' dawk l-inhawi li f'dawk iz-zminijiet kienu jghoddu 'l fuq minn hames mitt ruh. Fi zmien l-Isqof Gori Mancini dawn in-nies ghamlu talba biex din il-knisja ssir parrocca izda l-isqof ghazel il-knisja tal-Kuncizzjoni ta' Sarria.



*Ritratt antik tal-Knisja tal-Duluri f'tal-Pietà*

Ikompli f'pagna 63

Ikompli minn pagna 61

Il-knisja ghamlet zmien mitluqa izda fl-1757 l-Isqof Alpheran de Bussan ta permess biex din il-knisja timbena mill-gdid wara talba li saret mill-kjeriku Guzeppi Spiteri; b'hekk inbniet il-knisja li nsibu llum. Biex it-tifkira ta' dan l-Isqof ma tintesiex, fil-faccata hemm l-arma ta' dan l-isqof flimkien ma' silta mill-ktieb tal-profeta Izaija.

Din il-knisja ghandha stil mill-isbah fl-arkitettura taghha. Is-saqaf taghha hu mibni fuq numru ta' hnejjiet filwaqt li s-soqfa tal-kappelluni huma kollha bil-kassettuni, kif inhuma bosta mill-knejjes taghna mibnija f'dawk iz-zminijiet. Il-kappelluni huma maghluqa kompletament u tista tidhol ghalihom biss permezz tal-korsija. Hekk kienu fil-bidu l-kappelli tal-Konkatidral ta' San Gwann qabel it-tibdiliet li kien ghamel Mattia Preti.

F'dawn l-erba kappelluni insibu erba' kwadri artistici u storici. Fl-ewwel artal fuq ix-xellug naraw il-kwadru li fih naraw lil Marija Immakulata, lil San Guzepp, lil San Lawrenz u lil San Carlo Borromeo. Jinghad li dan il-kwadru hu xoghol il-pittur Carlo Gimach. Faccata ta' dan il-kwadru naraw iehor tal-Madonna tal-Grazzja flimkien ma' San Gwann, San Ambrog u San Nikola ta' Tolentino. Dan il-kwadru tpitter fl-1624 u fih naraw ritratt-pittura tal-benefattur li ghamlu flimkien ma' grajjiet ohra mpittra fuq in-naha t'isfel. Dawn huma xhieda li dan il-kwadru gie maghmul bhala weghda.

Fil-kappella l-ohra naraw ix-xbieha devota ta' Gesu Kurcifiss. Wiehed mill-akbar devoti ta' dan il-kurcifiss kien il-qaddis Dun Gorg Preca. Kien jghaddi sighat twal jitlob quddiemu wara li jigi f'din il-knisja bil-mixi mill-Hamrun. Il-kappella l-ohra hija dedikata lill-Madonna ta' Loreto bi kwadru qadim li llum qieghed jigi restawrat.

Il-kwadru titulari ta' din il-knisja jirraprezenta lil Marija Addolorata b'Gesu mejjet fi hdanha. Fih naraw lil San Gwann l-Evangelista u lil Santa Marija Maddalena b'wicchom imnikket ghall-mewt ta' Gesu'. Jidhru wkoll f'dan il-kwadru zewg angli. L-isfel fuq ix-xellug naraw l-arma ta' l-Isqof Alpheran de Bussan, benefattur kbir ta' din il-knisja. Dan il-kwadru tpitter minn Gioacchino Loretta, pittur Malti li twieled il-Belt fl-1637. Kien wiehed mill-assistenti ta' Mattia Preti u hadem qrib hafna dan il-pittur. Dan il-kwadru tpitter fuq id-disinn ta' l-istess Preti. Hu kwadru mill-isbah li fih naraw kemm dan il-pittur Malti influwenza ruhu mill-kapacitajiet artistici tal-Preti. Mad-dawra ta' dan il-kwadru naraw perspettiva tal-gebel imzejna b'zewg kolonni ta' stil Korint.

Din il-knisja kellha wkoll rabtiet ma' xi membri ta' l-Ordni ta' San Gwann. Fuq in-naha tal-lemin naraw riliev kbir tal-injam li fih naraw ir-ras ta' San Gwann il-Battista bil-kitba PRÆTIUM VERITATIS (il-prezz tas-sewwa) filwaqt li taht ir-ras hemm l-istess kliem li San Gwann qal lil Erodi "Ma jiswiex li tiehu lil mart huk". Il-Kavallier Guttenberg kien ghamel dan ir-riliev bhala radd il-hajr wara grazzja li kien qala'. Ghalhekk, naraw kibta taht dan il-riliev li tfakkar lil dan il-kavallier.

F'din il-knisja naraw ukoll zewg irhamiet li tahthom hemm midfuna zewg kavallieri Fra Guillaume de Bernart d'Avernes u Fra Vincenzo Ruffo li kien miet bil-pesta tal-1676.

Fil-jiem tal-festa f'din il-knisja, wiehed jista' japprezza haga li ftit hawn bhala Malta u Ghawdex. Dan hu ventartal tal-gild u jigi armat fl-artal maggur. Dan il-ventartal huwa xhieda ohra tal-qedem u ta' l-importanza li minn dejjem kellha din il-knisja.

Il-knisja illum tinsab f'idejn is-Sorijiet Frangiskani. Kuljum fiha jsir il-quddies u l-funzjonijiet kollha ta' matul is-sena liturgika. Fil-festa tad-Duluri tinhareg l-istatwa tad-Duluri madwar it-toroq tal-parrocca u ghalhekk hi knisja funzjonali u devota man-nies ta' l-inhawi.